MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 595/2012

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Gerald Paris, iben Carmelo, imwieled Pieta' fit-30 ta' Awwissu, 1979, karta ta' l-identita numru 401179(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' Ottubru, 2010 u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti jaqbżu il-valur ta' €232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329,37.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-'mobile' meritu ta' dan il-każ jiġi ritornat lil sidu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------